Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Numru 704/2012

Il-Pulizija
(Spettur Robert Said Sarreo)

vs

Maria Magdalena Sultana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 584676M, akkuzata talli fis-6 ta’ Novembru 2009 fil-Belt Valletta:

1. ghamlet dikjarazzjoni falza, jew tat taghrif falz, jew ipproduciet dokumenti foloz, ai termini tal-Artikolu 14(2)(b) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li kienet taf li ma sarx, ai termini ta’ l-Artikolu 110 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz, ai termini ta' l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saret recediva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr J P Grima LL.D. datata 25 ta' Gunju 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.
5. irrendiet ruhha recediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni fl-liema baqghet tinsisti anka wara li l-Qorti tatha opportunita' tirrikonsidra.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata, l-akkuzi jinsabu konsegwentement pruvati. Issibha hatja taghhom.

Rat l-Artiklu 14(2)(b) tal-Kap 258, l-Artikolu 110, 188, 17(b), 49 u 50 tal-Kap 9.

Tiddeciedi wara li kkunsidrat l-attenwanti generici applikabbli f'dan il-kaz li tpoggi l-imputata taht ordni ta' ufficjal tal-Probation taht l-Artiklu 7 tal-Kap 446 ghal zmien tlett snin mill-lum. Rat l-Artiklu 412D tal-Kap 9 u wara li semghet l-imputata, tohrog ordni ta' trattament kontra l-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------